Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1558/2005

**Nyal Xuereb ezercitanti l-kummerc taht l-isem Architecture Design Services**

**vs**

**Adrain Mifsud u martu Christina Mifsud**

It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Ottubru 2005 li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' sebgha mija tmienja u ghoxrin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm728.89) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xogholijiet ezegwieti fi propjeta tal-konvenuti, bl-imghaxx mit-18 ta' Awissu 2003 u bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha qalu li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex, in linea preliminari t-talbiet attrici huma preskritti ai termini


Qrati tal-Gustizzja

ta’ l-artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fil-mertu minhabba li l-materjal u xoghol li gie provdut ma kienx ta’ kwalita patwita, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti esebieti u x-xhieda ta’ l-attur Nyal Xuereb.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-patrijiet.

Ra l-verbal ta’ l-udjenza mizmuma fit-23 ta’ Novembru 2005 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.

Ikkunsidra

Jirrizulta li l-attur, ezercitanti l-kummerc that l-isem Architecture Design Services, jaghmel fost ohrajn xoghol ta’ konsulenza u joffri wkoll servizzi ta’ *turnkey*. Ix-xogholijiet fil-bini ma jsirx mill-attur personalment imma minn terzi li jigu kuntrattati minnu.

Jirrizulta ukoll li l-attur gie nkarigat biex jaghmel diversi xogholijiet f’propjeta tal-konvenuti. Dan ix-xoghol kien jinkludi kemm xoghol f’hitan, xoghol ta’ elettriku u *plumbing*, *airconditioning*, tikhil u tibjid u huwa elenkat f’l-istima esebieta f’l-atti tal-process (Dok NX3 a fol 14). Din l-istima kwotata fil-fatt hija l-ahhar *revised quotation* li hareg l-attur.

Jidher li x-xoghol sar, inhareg kont u sar pagament ta’ elf u sitt mitt lira Maltija (Lm1600) mill-konvenuti ghalkemm il-kont mahrug mill-attur kien ta’ elfejn tlett mija u lira Maltija u hamsa u tletin (Lm2301.35). Giet skambjata korrispondenza dwar il-bilanc tal-prezz, li baqa ma thallasx, u l-attur ipproceda quddiem dan it-Tribunal kontra l-konvenuti ghall-hlas tal-bilanc.

Il-konvenuti pero qed jikkontendu li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-attur min-naha l-ohra jikkontendi li l-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli ghall-kaz in ezami huwa dak ta' sentejn ai termini ta' l-artikolu 2149(a) tal-Kap 16.

Id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg provedimenti tal-Ligi hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna. Il-Qorti ta' l-Appell gja mis-sena 1929 fil-kawza Pace vs Muscat (Vol XXVIII.i.1013) qalet li:
*la disposizione dell' articolo 1912 …secondo la quale si perscrivono col decorso di diciotto mesi le azione dei sarti, calzolai, falegnami ed altre persone esercenti mestieri ed arti meccaniche, del prezzo delle loro opera, dei loro lavori e delle cose che somministrano, non è applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opera da loro eseguite e dei materiali da loro forniti; ai quali crediti è applicabile la prescrizione di due anni stabbilita nell articolo 1913 … poiche la disposizione dell'articolo 1912 si riferisce a crediti di artefici che prestano la loro opera (opera) mentre quella di cui all'articolo 1913 riguarda i crediti di coloro in cui domina il carattere di speculatori e che, piu che la loro opera, prestano un lavoro (opus) ….*

Dan il-principju gie kkonfermat fil-kawza Joseph Mizzi vs Joseph Delicata (14.10.1954, Vol XXXVIII.iii.710) fejn il-Qorti tal-Kummerc qalet li artikolu 2148(a) jirreferi ghal lokazzjoni ta' opera li biha l-persuni elenkati fl-imsemmi artikolu jkunu *obbligaw ruhhom li jghatu x-xoghol taghhom, u mhux ghall-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jghati, mhux ix-xogholijiet, imma l-prodott tax-xoghol* ghal liema kaz hi applikabbli dik il-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata f'l-artikolu 2149(a).

L-istess principju gie ripetut u applikat kostantament fil-gurisprudenza taghna (ara per ezempju: Joseph Borg vs Maria Testaferata Bonnici 24.03.1958 -- Vol XLII.i.153; Paul Sapienza vs Walter Antignolo 05.12.1935 -- Vol XXIX.iii.187; Tommaso Pace vs Salvatore Muscat 18.05.1929 -- Vol XXVII.i.1013; u aktar ricenti: Benny Camilleri vs Ian Schembri 16.12.2002 Appell Sede Inferjuri; Langdale Co Ltd vs Jon David Ltd 03.11.2004 Appell Sede Inferjuri).

Fil-kaz in ezami, mill-atti jirrizulta li l-attur huwa imprenditur li jaghti mhux ix-xoghol tieghu, imma l-prodott tax-xoghol, u ghalhekk skond il-principju fuq imsemmija il-perjodu preskrittiv applikabbli ghal dan il-kaz mhux l-artikolu 2148(a).

It-tribunal ma jistax iqajjem eccezzjoni ta’ preskrizzjoni hu u lanqas jista’ jikkunsidra ebda preskrizzjoni hlif dik specifikatament eccepita (Victor Muscat vs Edgar Tabone Appell Civili 18.02.1963; George Cini vs Rita Camilleri Qorti tal-Kummerc 26.07.1979; Benny Camilleri vs Ian Schembri *op cit*). Ghalhekk kull sottomissjoni ohra dwar meta gie terminat ix-xoghol u meta ghandu jibda jidekorri l-perjodu ta’ preskrizzjoni huma irrilevanti.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti u jordna l-prosegwiment tas-smiegh tat-talba.

L-ispejjez rizervati ghal-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------